Avviż Numru CCT 242/09

**Joseph Camilleri**

**vs**

**Easy Sell - Kia**

Illum 7 ta' Frar, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fil-25 ta' Mejju, 2009 fejn ir-rikorrenti talab danni ta' elf, tliet mija u erbgħa u tletin ewro (€1,334), rappreżentanti spejjeż illi r-rikorrenti nefaq għar-riparazzjoni tal-vettura tiegħu u xorta baqgħet bil-ħsara.

Is-soċjeta' intimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba, u attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tas-soċjeta' intimata li huwa rappreżentant tas-soċjeta' intimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi huwa kien ħa l-karozza tiegħu għat-tiswija għax kellha ħafna ħsarat, u wara li għamlulha t-tiswijiet kollha xorta baqgħet bil-problema relatata mas-sħana u d-duħħan li kien ħiereġ mil-karozza.

Is-soċjeta' intimata ssottomettiet illi r-riparazzjoni kienet saret tajba u skond is-sengħa u l-arti, u dak li ġralu kien riżultat ta' xi ħaġ'oħra.

Minħabba n-natura teknika tal-każ, it-Tribunal bagħat l-espert Joseph Zammit fejn irrelata fuq il-każ. L-espert ikkonkluda illi t-tibdil tal-parts fil-magna, kollu sar inutli minħabba l-fatt li ma ġewx eżaminati l-pistons u s-sleeves meta din daħlet l-ewwel darba bil-ħsara, u minflok ġiet *reboard* il-magna, nbidlu diversi partijiet li ma solvewx il-problema.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal jinnota illi r-rapport ta' l-espert jikkonkludi li kien hemm diversi nuqqasijiet *daparte* tas-soċjeta' intimata, u jinnota wkoll illi l-karozza kienet ilha ma taħdimx.

It-Tribunal, jaqbel mal-konklużjoni ta' l-espert fejn qal illi saru spejjeż żejda li ma kienx hemm bżonn u ma ssolvietx il-kawża prinċipali tal-problema.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-soċjeta' intimata tħallas l-ammont ta' seba' mitt ewro (€700), kif ukoll l-ispejjeż tar-rapport ta' l-espert li jammonta għal erba' mija u sebgħin (€470), bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' intimata.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**